# Il-Fratellanza ta' Santa Katarina fiż-Żurrieq

*Minn A. Mangion B.D., Lic.D., M.A. (Sheffield)*



## Iż-Żurrieq f'nofs is-seklu sbatax

Naħseb li l-isbaħ deskrizzjoni taż-Żurrieq f'nofs is-seklu sbatax jagħtihilna l-istoriku Gian Franġisk Abela fix-xogħol tiegħu Della descrittione di Malta, stampat fl-1647. Iż-Żurrieq, bħall parroċċi l-kbar u l-aktar anzjani ta' gżiritna jissejjaħ terra (reġjun) biex jiddistingwi ruħu mill-irħula l-oħra (casali), terminu li jirrifletti l-anzjani tal-post u r-rwol tiegħu ta' centru għall-irħula żgħar dipendenti minnu. [1]

Abela kiteb hekk:

"Dan ir-reġjun jinsab f'naħa għolja u merfugħa tal-gżira, mbewwsa mill-irjieħ tan-nofs in-nhar u mikxufa għal frisk tar-rjieħ fuq tajbin għas-saħħa; minħabba f'hekk in-nies tal-post igawdu saħħa mill-aqwa, u jingħad li l-arja t'hemmhekk hija l-aħjar f'dawn il-gżejjer, hekk li kemm l-irġiel kif ukoll in-nisa jgawdu karnaġġjon mill-isbaħ ta' lewn ħamrani fl-abjad, saħħa fiżika u ħlewwa ta' fattizzi li jiġbdu l-għajn, u ħajja twila. Tant hu hekk li dak il-post huwa mfittex mill-morda u dawk li jkunu jistejqru minn xi marda, biex fih ibiddlu l-arja u jiksbu malajr lura is-saħħa li jkunu tilfu. L-impjieg ewlieni tan-nies tal-post hu li jinnegozjaw fil-bejgħ ta' xoqqa, u tajjar minsuġ, li hemmhekk jipproduċuhom b'mod meraviljuż u tant sabieħ; bl-istess mod huma jaħdmu wkoll ċerti kapotti u kutri tas-suf b'varjetà ta kuluri, kif ukoll barżakki kbar għall- fuq iż-żwiemel, maħdumin ukoll mis-suf. Huma jaħdmu wkoll reċipjenti delikati tal-fuħħar aħjar minn bnadi oħra tal-gżira, avolja mingħajr l-użu tar-rota, kif kien isir fil-qedem f'Malta, fejn flimkien ma' Għawdex wieħed għandu jiltaqa' ma' fuħħar mill-aktar raffinat u proporzjonat. Taħt il-Kaptan ta' l-Armi taż-Żurrieq jaqgħu l-irġiel ta' l-irħula ta' Bubaqra, Ħal-Lew, il-Qrendi, Ħal-Manin u l-Imqabba'. Iż-Żurrieq fih madwar 400 dar, b'1580 ruħ. [2] Bubaqra għandha 83 dar u 327 ruħ; Ħal-Millieri huwa raħal ċkejken bi 15 il-dar u 66 abitant; (waqt li) l-Qrendi b'Ħal-Manin u Ħal-Lew għandhom 202 dar u bejnithom jgħoddu 1024 ruħ" [3] Skond Abela iż-Żurrieq, b'Ħal-Millieri u Bubaqra kellu allura 1,973 abitant.

Sittax il-sena wara Abela voldiri fl-1663, l-Isqof Mons. Balaguer, fil-ħames u l-aħħar viżta pastorali tiegħu fiż-Żurrieq, jirreġistra tnaqqis

(1) *Wettinger, G. "The lost villages and hamlets of Malta' in Medieval Malta ed. A. Luttrell. London, 1975, 183. F'każi rari pero' Iż-Żurrieq huwa msejjaħ ukoll oppidum (belt), APZ, Antichi Monumenti e Protocollo 1v-2r.*

(2) *Abela, G. F. Della descrittione di Malta. Malta, 1647, 102*

(3) *Ibid., 100-101, 103*

ċkejken fil-popolazzjoni meta jitkellem minn total ta' 1,854 ruħ, b'1,475 minnhom fiż-Żurrieq, 298 ġo Bubaqra, u 81 ruħ f'Ħal-Millieri. Il-parroċċa kollha kienet tikkonsisti f'450 dar jew familja. [4] Eżatt f'nofs is-seklu, voldiri fl-1650, ir-reġistri tal-parroċċa jagħtuna wkoll ħjiel tajjeb taċ-ċaqlieq demografiku. F'dik is-sena il-Kappillan Saliba rreġistra 63 magħmudija, 26 mewt u 23 żwieġ [5]. Ħdax miż-żwiġijiet kienu ta' koppji Żrieraq. Fil-każ ta' ħdax oħra, l-għarus kien ġej minn barra r-raħal; fil-waqt li f'każ wieħed partikolari iż-żewġ partijiet kienu t-tnejn mir-Rabat ta' Malta. L-uniku żwieġ fejn l-għarus kien barrani, voldiri mhux malti, kien dak ta' Maria Camilleri, Żurrieqija li żżewġet ma' Giuseppe Gianbrano, Sqalli minn Palermo. [6]

Fl-1667 fil-viżta pastorali ta' l-Isqof Buenos, il-kappillan taż-Żurrieq jkompli jagħtina ftit iktar dettalji dwar il-popolazzjoni meta rraporta illi ".. n-numru tal-parruċċani huwa ta' 1,877 ruħ, li minnhom 1,387 jistgħu jersqu għat-tqarbin (voldiri, skond il-liġi tal-knisja ta' dak iż-żmien, kienu għalqu it-tnax il-sena). Il-parruċċani b'mod ġenerali joqgħodu fiż-Żurrieq, u f'Ħal-Millieri u Bubaqra, rħula li jagħmlu ma' l-istess parroċċa. Ir-raħal ta' Bubaqra huwa daqs nofs mil bogħod mill-knisja parrokkjali; u Ħal-Millieri daqs nofs mil ieħor bogħod; iż-Żrieraq huma kważi lkoll ta' drawwiet tajba; ftit huma dawk li jaħdmu r-raba tagħhom; il-bqija jaħdmu fl-għelieqi li jdawwru l-istess raħal". [7]

Il-kappillan taż-Żurrieq f'nofs is-seklu 17, kien Dun Matthiolo Saliba S.T.D. qassis prodott tipiku tal-Kontroriforma Tridentina li allura kienet fl-aqwa tagħha fl-aħħar żminijiet tas-seklu 16 u fl-ewwel nofs tas-seklu ta' wara. Dan kien iben ir-raħal; twieled fl-1606 u rieġa l-parroċċa għal 40 sena u 4 xhur. Kien ġie ordnat saċerdot fl-1630 mill-Isqof Cagliares u kien ħa pussess tal-parroċċa taż-Żurrieq fl-età ta' 29 sena nhar il-4 t'Ottubru 1635, wara r-rinunzja tal-Kappilan ta' qablu Dun Antonio Dumez. Miet nhar is-6 ta' Frar 1676 fl-età ta' 70 sena. Kien kappillan imżejjen b'ħeġġa kbira għal raħal twelidu, kellu sens kbir artistiku u mużikali, kien disinjatur u perit, benefattur kbir tal-knisja taż-Żurrieq, u devot per eċċellenza ta' Santa Katarina patruna tar-raħal. [8]

Fl-1650 fiż-Żurrieq, minn barra l-kappillan kien hawn ħdax-il saċerdot u żewġ kjeriċi sekulari, apparti żgħażagħ oħra li kienu qed jitħejjew għas-

---

*(4) AAM, Vis. Balaguer 1662-63,344r.*

*(5) APZ, Bapt. II (1607-1650), 384-392; Mort II (1609-1686) 49r - 50v; Matr.II (1607-1689), 90r - 93r.*

*(6) APZ Matr. II (1607 - 1689), 90r - 93r. Fil-każi ta' żwieġ fejn l-għarus ma kienx miż-Żurrieq l-irħula li minnhom kien ġej l-għarus fl-1650 kienu: Mqabba, Luqa, Palermo, 2 Ħal-Lew (Qrendi), Valletta, Mosta, 2 Rabat, Safi u Casal Paola.*

*(7) AAM, Vis. Buenos 1667-68, 87r.*

*(8) APZ, Bapt. I (1567-1607) 285; CEM/RO4 (1628-37) 20v; AAM, Registro Collationi 1635-59, 23r-26r ; APZ, Mort II (1609-1686), 77r-v; ACM/AIM Registrum Revelationum II, 346, APZ Blasius Saliba vs Conivg. Tonna et Mamo 1678-1681, passim; ACM Misc. 180, 251*

saċerdozju. Fil-fatt tul il-parrokat twil tal-Kappillan Saliba il-kleru taż-Żurrieq beda jżid sew fin-numru, u minn għadd tassew ċkejken ta' qassisin ta' żmien il-Kappillan Bonniċi fil-bidu tas-seklu 17, [9] issa n-numru tal-qassisin Żrieraq kien ħa rankatura qawwija 'l quddiem, hekk li sa tmien is-seklu 17, voldiri fl-1699, l-isqof Davide Cocco-Palmeri irreġistra 23 saċerdot, 2 djakni, 2 suddjakni, 9 bl-ordnijiet minuri u kjeriku miżżewweġ iservu fil-parroċċa. [10]

Fis-sena 1650 il-qassisin taż-Żurrieq, skond l-anzjanità ta' l-ordinazzjoni tagħhom kienu dawn: Dun Duminku Dorbes, li kien ordna 48 sena qabel, voldiri fl-1602 u li kien l-aktar saċerdot anzjan tal-parroċċa; Dun Salv Mangion (ord.1624), Kappillan Dun Matthiolo Saliba (ord. 1630), Dun Ġrezzju Żammit (ord. 1633), Dun Cosimo Farruġia (ord. 1643), Dun Gian Mari' Azzopardi (ord. 1645 u li kien ġie assassinat fil-kampanja fl-età ta' 46 sena f'Awwissu ta' l-1657), Dun Lucio Saliba (ord.1645), Dun Gian Mari' Spiteri (ord.1646), Dun Tumas Camilleri (ord. 1648) Dun Simeone Darmanin (ord. 1648) u Dun Bastjan Farmusa (ord. 1650). [11] Iż-żewġ kjeriċi sekolari, voldiri li kellhom it-tonsura però ma kienux qed iħejju ruħhom għas-saċerdozju kienu Blasco Saliba, ħu l-kappillan (tonsurat fl-1614) u l-kapumastru Pauluccio Farmusa (tonsurat fl-1621). [12] Il-viċi parroku kien Dun Ġrezzju Żammit. [13]

Fiż-Żurrieq, l-ikbar avveniment f'nofs is-seklu 17, kien ċertament il-proġett tal-bini mill-ġdid ta' knisja parrokkjali ġdida, minflok il-knisja antikissima li kellu r-raħal u li magħha fis-seklu ta' qabel kienu nbnew żewġ kappelluni sbieħ. [14] L-istoriku Abela fid-deskrizzjoni tiegħu stampata fl-1647 jgħid illi l-knisja parrokkjali taż-Żurrieq kienet. ".. għadha kemm inbniet mill-ġdid fuq stil modern, kif qed jiġri kważi fil-parroċċi ewlenin l-oħra kollha" [15] Abela kien naturalment qed jirreferi għal numru sabieħ ta' knejjes li nbnew mill-ġdid bejn l-aħħar żminijiet tas-seklu 16 u l-ewwel nofs tas-seklu 17. Dawn kienu l-knejjes sbieħ fuq stil rinaxximentali tardiv, manjerista u barokk li tfasslu mill-ġenju ta' periti u capo mastri kbar bħal Gerolamo u Vittorio Cassar u Tumas Dingli.

Fil-verità fl-1647, is-sena li ġie stampat il-ktieb ta' Abela, il-knisja l-ġdida taż-Żurrieq kienet għadha qed tinbena. Ix-xogħol fuqha kien inbeda fl-

(9) *Għall-kleru tassew ċkejken ta' 3-4 qassisin Żrieraq fil-bidu tas-seklu 17 ara AAM, Vis. 1579-1608:1604; 306v - 315v; Vis. Cagliares 1618, 83r - 84v; Vis; Cagliares 1625-27, 95/104r*

(10) *AAM Vis. Cocco Palmeri 1699-1700 (B) 212v - 213r*

(11) *AAM Vis. Balaguer 1653-54, 230r; 231r-v; Vis. Balaguer, 1662-63, 344r - 345r; ACM/CEM/ RO 19, 3v, 19v, RO2, 46v; RO4, 47v - 48r; RO7A, 104v, 102r, 123v, 137v, 141r, 177r, 184v. Dwar D. Gian Mari'Azzopard ara APZ, Mort II (1609-1686), 62v.*

(12) *AAM, Vis Balaguer 1662-63, 345r.*

(13) *APZ, Bapt. II (1607-1650), 349 passim*

(14) *Mangion, A. "Il-kappelluni mal-knisja l-qadima taż-Żurrieq' Programm Festa Santa Katarina 1985, 5-11. Minn riċerka oħra ilum jirriżulta li l-kappelluni nbnew fl-1573 żmien l-isqof Royas, il-kappillan D. Antonio Bartolo u l-prokuraturi Stefano Zirafe u Paolo Gusmano*

(15) *".. e' stata ultimamento riedificata alla moderna, come si e' stato fatto quasi in tutte l'altre parrocchie principali .." Abela, G. F., op.cit., 368.*

1632 u ma ntemmx ħlief ħamsa w'għoxrin sena wara [16] Fi żmien Abela, kienet għadha kif tlestiet il-korsija l-ġdida, twaqqgħet il-knisja l-qadima, u kien miexi seww ix-xogħol fuq il-kappelluni. Tant hu hekk illi f'Jannar ta' l-1646 l-isqof Mons. Balaguer irrimarka illi ".. il-korsija tal-knisja għadha kif inbniet ġdida, jew biex inkunu aktar preċiżi, mitmuma, mhux mingħajr sengħa u arti kbira .. u l-kappelluni .. fuq in-naħa ta' quddiem u fil-ġnub, għandhom kif inbnew sa l-għoli ta' fejn jibdew l-arkati, jew sal-post li jsejjħulu ċ-ċinta .." [17] Il-proġett tal-bini tal-knisja l-ġdida ma kienx biss il-frott ta' ħtieġa u neċessità, iżda kien jorbot ukoll miegħu il-prestiġju taż-Żrieraq li jkollhom tempju mill-isbaħ, jekk jista' jkun aħjar minn ta' l-irħula l-oħra ta' dak iż-żmien. Il-bini ta' knisja ġdida kien fuq kollox espressjoni qawwija tal-qima li kellu r-raħal lejn il-Patruna tiegħu Santa Katarina li lilha u għall-ġiegħ tagħha kien qed jinbena dak it-tempju meraviljuż. [18] Fil-verità għal dak iż-żmien il-qisien u l-kobor ta' dak it-tempju kienu jirrendu fost l-aqwa tal-gżira. [19] Il-promutur ewlieni wara dan il-proġett kien il-kappillan Dun Matthiolo Saliba li ħażżeż il-pjanti, mexxa il-bini sa tmiemu, u beda jżejjnu bi grazzja sinjorili ta' bniedem verament artistiku li kien. [20]

***<u>Taqlib politiku fl-Ewropa</u>***

L-ewwel nofs tas-seklu 17, bejn l-1618 u l-1648, kien dominat minn gwerer bejn il-qawwiet il-kbar Ewropej f'dik li baqgħet magħrufa bħalha l-Gwerra tat-Tletin Sena. Il-ġlied kien beda fuq tilwim purament reliġjuż bejn Insara u Protestanti fil-Bohemja, iżda mbagħad żviluppa u nfirex fi gwerer politiċi bejn il-qawwiet il-kbar, voldiri l-Imqaddes Imperu Ruman u l-allejati tiegħu renjanti tal-familja Hapsburg, kontra numru ta' pajjiżi Protestanti li aktar tard issieħbet magħhom Franza Burbonika. Matul il-gwerra tat-Tletin Sena kienet imdaħħla Spanja, l-Awstrija, il-Bohemja, l-Ungerija, l-istati kollha ta' l-Imqaddes Imperu Ruman; id-Danimarka, l-Isvezja u Franza. Meta fl-1635 Franza allejat ruħha b'mod partikolari ma' l-Isvezja, kontra Spanja u sħabha, l-Ordni ta' San Ġwann f'Malta sab ruħu f'morsa, mhedded mill-Viċi Re ta' Sqallija, minħabba dak li kienu qed jagħmlu l-kavallieri Franċiżi li kienu qed jingaġġaw fl-eżerċitu Franċiż kontra Spanja. Iżda l-qawwa u s-supremazija ta' Franza taħt it-tmexxija tal-Kardinal Richelieu wasslet biex il-qawwiet il-kbar talbu li jintlaħaq ftehim. Dan sar wara ħames snin ta' taħdidiet li wasslu għat-trattat ta' Westphalia (1648) li asserixxa s-supremazija Franċiża tar-Re Luiġi XIV, dgħajjef is-setgħa tal-Papat, u stabbilixxa t-taqsim politiku ta' l-Ewropa

---

*(16) AAM, Vis. Pontremoli, 1634, 67r; Vis. Balaguer 1656-59, 96v; ACM Misc.180, 251.*

*(17) AAM, Vis. Balaguer 1644-46, 120r-v*

*(18) "La nostra fabrica di S. Catarina del Zurrico", APZ, Mort. II (1609-1685), 26v, 30v u passim.*

*(19) "Hija forsi l-isbaħ fost il-knejjes kollha tal-gżira .. mibnija b'sengħa mil-aktar mirquma ..' AAM Vis. Balaguer 1656-59, 96v.*
*"Hija forsi l-isbaħ knisja li hawn f'din id-djoċesi" ACM Ms. 180, 251.*

*(20) ACM MS. 180, 251; Żerafa, S. Discorso sulla storia artistica di Malta. Malta 1850 24; Mangion A. & Spike J., "Preti's paintings for the Parish Church in Żurrieq" Treasures of Malta, V, no 1, 22.*

kif bejn wieħed w'ieħor nafuh illum. [21]

## *Wignacourt, De Paule u Lascaris*

F'Malta l-ewwel nofs tas-seklu sbatax kien dominat minn tlett granmastri Franċiżi, jiġifieri Alofju Wignacourt (1601-1622), Antonio de Paule (1623-1635) u Giovanni Paolo Lascaris (1635-1657). Is-seklu fetaħ b'popolazzjoni ta' 33,000 abitant, li sa l-1632 kienu laħqu l-54,463 ruħ. [22] Il-ħakma ta' Wignacourt bdiet fi żmien ta' karestija, hekk li l-flotta ta' l-Ordni kellha tattakka l-kastelli ta' Lepanto u Patrasso biex tipprova takkwista aktar qamħ; iżda wara l-1610 il-kummerċ u l-qagħda ekonomika ta' Malta bdew jieħdu spinta tajba 'l quddiem. Il-biżà tat-Torok però baqa' jaħkem sew fuq Malta u fl-1614, sittin galera Torka żbarkaw f'Wied il-Għajn u ħarbtu ż-Żejtun. Dan il-biżà ġiegħel lil Ordni jsaħħaħ id-difiża tax-xtut, u fi żmien Wignacourt kien inbena t-torri ta' San Pawl il-Baħar, il-forti San Luċjan, it-torri ta' San Tumas, it-torri ta' Santa Maria delle Grazie (Xgħajra) u t-torri ta' Kemmuna. Wignacourt wassal ukoll l-ilma fil-belt il-ġdida. Fi żmienu wkoll, wara l-mewt ta' l-isqof Tumas Gargallo (1614) kien laħaq isqof il-Malti Baldassare Cagliares. [23]

Il-ħakma ta' de Paule (1623-1635) [24] kienet predominata minn kontroversja kbira li qamet dwar il-bini ta' fortifikazzjonijiet ġodda biex jilqgħu kontra attakk li kien mistenni mit-Torok. L-inġinier papali Pietro Paolo Floriani ppropona li l-faċċata tal-Belt kellha titħares aħjar bil-bini ta' medda swar ġodda mill-għolja tal-Kapuċċini sad-daħla tal-Pietà, voldiri s-swar tal-Furjana ta' llum. [25] Kien proġett li nbeda fl-1635 u li minħabba fih l-Ordni mpona taxi qawwija li rvellaw il-poplu. Kienu pprotestaw bil-qawwa kollha il-qassisin Maltin; u ġoż-Żejtun, fejn bdew jinġabru t-taxxi fi żmien Lascaris(1637) kien qam irvell sħieħ li għal ftit ma kaxkarx miegħu l-irħula l-oħra ta' Malta. [26] L-Ordni nnifsu kien maqsum dwar il-fortifikazzjonijiet il-ġodda. L-opinjoni kuntrarja kienet li għandhom jiġu msaħħa s-swar ta' Bieb il-Belt, u li minflok is-swar tal-Furjana kien ikun ferm aħjar li tissaħħaħl-Għolja ta' Santa Margerita f'Bormla, kif fil-fatt ġara ftit tas-snin wara fi żmien Lascaris fuq parir ta' diversi inġiniera oħra, fosthom Vincenzo Maculano da Firenzuola. [27]

---

(21) *Vella, A.P., Storja ta' Malta. Malta 1974-79, II, 112-115*
(22) *Vassallo, G.A., Storia di Malta. Malta, 1890, 554-555*
(23) *Ibid., 540-547*
*Vella, A.P. op.cit., II, 69-82 - Vertot, Abbe' de, The history of the Knights of Malta. London, 1728, II, Bk.XIII, 59-62*
(24) *Vassallo, G.A., op.cit, 549-556 - Vella, A.P. , op.cit., II, 82-84 - Vertot, Abbe' de, op.cit., II, bk. XIII, 62-69*
(25) Hoppen, A. The fortification of Malta by the Order of St. John. *Edinburgh, 1979, 45-55*
(26) *Wettinger, G. "Early Maltese popular attitudes to the government of the Order of St. John' Melita Historica VI, no.3 (1974), 255-278.*
*Hoppen, A. op.cit., 148-149*
*Vella, A.P., op.cit., II, 82*
(27) *De Lucca, D. Giovanni Battista Vertova: diplomacy, warfare and military enginering in early 7th century Malta. Malta 2001, passim. Hoppen, A., op.cit., 45-55, 72-78*

Sadattant l-isqof Cagliares kien miet fl-1633, u d-djoċesi bdiet titmexxa mill-isqof Mikiel Giovanni Balaguer de Camarasa (1635-1663). Taħt il-Granmastru Lascaris (1635-1657) il-problemi ta' Malta komplew iggravaw. Il-bidu tat-tmexxija tiegħu kienet karatterizzata minn karestija kbira kawżata minn problemi kbar għal l-Ordni minħabba l-gwerra li issa kienet għaddejja bejn Spanja u Franza. Bażikament, Malta kienet territorju fewdatarju Spanjol, u l-Vicire' ta' Sqallija ħassu maqrus mis-simpatiji Franċiżi fi ħdan l-Ordni, hekk li kemm il-darba hedded li jikkonfiska l-ġid ta' l-Ordni fi Sqallija, jżomm d-dħul ta' flus tal-Kavallieri Franċiżi, u ma jonorax it-tratte voldiri l-konċessjonijiet bla dazju fuq qmuħ u ikel minn Sqallija għal Malta. [28]

Il-biżà ta' attakk mit-Torok baqa' dejjem preżenti u żdied sewwa wara inċident li nqala' fl-1644. F'dik is-sena, 'l hinn minn Rodi il-flotta ta' l-Ordni attakkat u ħatfet galljun kbir Tork mgħobbi b'kull ġid u b'rikkezzi kbar, u li fuqu inzerta kien hemm, aktarx, waħda minn nisa tas-Sultan flimkien ma' binha li aktar tard trabba f'Malta u sar Dumnikan. Il-qilla tat-Torok daret kontra Malta, u kontra r-Repubblika Venezjana li kienet naqset mill-ftehim li kellha li tipproteġi d-dbaħħir Tork u kienet ħalliet l-Ordni jidħol jistkenn fil-gżira ta' Kandja (Kreta) li kienet tal-Venezjani. Fl-1645 il-biżà ta' attakk fuq Malta kien tassew kbir, iżda t-Torok għażlu li jattakkaw Kandja. Il-gwerra ta' Kandja damet sejra 24 sena (1645-1669) u ħadu sehem fiha il-qawwiet insara, inkluż l-Ordni ta' San Ġwann, biex jgħinu l-Venezja. Din il-gwerra però kienet ġabet xogħol, ġid, u risq kbir f'Malta. Il-biżà dejjem ta' attakk mit-Torok kien ġiegħel lill-Lascaris jorganizza aħjar ir-riġmenti Maltin, bena t-Torri l-Aħmar (Mellieħa) u dak tad-Dwejra (Għawdex) u sitt torrijiet tax-xtut, fosthom dak ta' Sciutu f'Wied iż-Żurrieq; iżda l-pjan tiegħu li jinnewtralizza l-fortifikazzjonijiet ta' l-Imdina biex ma jintużawx mill-għadu, kienu ntlaqgħu minn oppożizzjoni kbira. [29]

## *Il-muskettieri Żrieraq jorganizzaw ruħhom fi fratellanza*

Nofs is-seklu sbatax ra wkoll fiż-Żurrieq it-twaqqif ta' fratellanza ġdida taħt il-patroċinju ta' Santa Katarina Verġni u Martri li l-qima u d-devozzjoni lejha, bħalha patruna u bħalha simbolu li jgħaqqad u jirrappreżenta r-raħal, kienet ħadet spinta qawwija bil-bini tal-knisja parrokkjali l-ġdida, frott il-ħeġġa tal-Kappillan Dun Matthiolo Saliba. Fortunatament, fl-arkivji parrokkjali għad għandna żewġ reġistri mprezzabli li jirriflettu l-oriġini, t-twaqqif u l-ġrajjiet bikrija ta' din il-fratellanza fis-seklu sbatax.

---

*(28) Vassallo, G.A., op.cit., 557-566 - Vertot, Abbe' de, op.cit., II, Bk. XIII, 69-81*
*(29) Vella, A.P., op.cit., II, 105-118*

[30] Barra minn hekk, fil-Kanċellerija tal-Kurja ta' l-Arċisqof għad hemm ukoll id-dokumentazzjoni oriġinali dwarha, fosthom is-supplika jew talba taż-Żrieraq u l-Ittri Appostoliċi ta' l-erezzjoni. [31] Il-fratellanza ta' Santa Katarina kienet ir-raba' waħda mwaqqfa fil-parroċċa taż-Żurrieq u kienet tiġi wara l-oħrajn tas-SSmu. Sagrament (1575) tar-Rużarju (1588 ) u ta' Santu Rokku (1606).

Il-ħsieb għal din il-fratellanza jidher li nibet ħabta ta' l-1644 għaliex nhar l-1 ta' Mejju ta' dik is-sena l-artillieri Żrieraq (Muschattieri della parochia) membri tal-milizzja kienu ftehmu li jifformaw għaqda li l-iskop tagħha kien li tiċċelebra b'5 skudi quddies għal kull kongregat li jmut u li tordna tnax -il torċa (xemgħa kbira) biex bihom takkompanja fil-purċissjonijiet tal-parroċċa. [32] Minħabba f'hekk din il-kongregazzjoni kienet magħrufa fost in-nies tar-raħal bħala ta' l-Antorċi. [33] Għal dawn l-għanijiet tal-kongregazzjoni il-membri ntrabtu li jikkontribwixxu żewġt irbgħajja malli jinkitbu, u li kull wieħed jibqa' joħroġ ħamest iħbub fix-xahar sa mewtu. L-idea tagħhom fuq kollox kienet illi xi darba jitolbu minn Ruma brevi speċjali mill-Papa biex permezz tagħha huma jkunu stabbiliti f'konfraternita' taħt il-ħarsien ta' Santa Katarina. [34]

## *Li muschattieri della Parrochia*

Għidna illi x-xewqa għat-twaqqif tal-fratellanza ta' Santa Katarina oriġinat fi ħdan il-muskettieri taż-Żurrieq, membri tal-milizzja. Irridu niftakru illi l-qawwa militari ta' l-Ordni ta' San Ġwann kienet tiddependi ħafna mill-irġiel Maltin. Il-kavallieri kienu sabu f'Malta organizazzjoni militari ċċentrata u marbuta ma' kull waħda mit-tmien Parroċċi l-aktar anzjani ta' gżiritna, inkluż iż-Żurrieq. Il-milizzja territorjali Maltija kellha żewġ taqsimiet. L-ewwel waħda kienet tissejjaħ l-Għassa jew il-Maħras u din kienet responsabbli mill-għassa u l-ħarsien tax-xtut; fil-waqt illi t-taqsima l-oħra tal-milizzja kienet id-Dejma li kienet tikkonsisti f'kontinġenti armati mferxxin ma' gżiritna.Ma' dawn kien hemm ukoll il-milizzja ekwestri jew kavallerija, miżmuma mill-għonja, dawk li kellhom propjetà jew li kienu

(30) *APZ Primo quinterno per le messe cantate e lette celebrate per li fratelli e conosorelle della Ven. Confraternita' di S. Catarina V. e M. cominciato dal primoGennaro 1652 sino tutto Luglio 1682 (1697), citat infra bħala Primo Quinterno Confraternita S. Catarina; APZ Secondo quinterno cominciato da Agosto principio di questa fondazione (del Agonia)1686 sino tutto Settembre 1709, citat infra bħala Secondo Quinterno Agonia.*

(31) *AAM Canc. Acta Civ. XIX (1650-52), 197r-199v Pro confraternitate Stae - Catharinae erectae in Eccla Parli Casalis Zurrico.*

(32) *"Far dodici Antorci per accompagnare la procesione in honore del Sign Iddio, della Madonna Santissima e di S. Catharina nostra Padrona e protettrice', APZ Primo Quinterno Confr. S. Catarina Ilv. "fare 12 Antorci per accompagnare in qualunque terza Domenica del mese il Venerabile che si conduce processionalmente', APZ Secondo Quinterno A gonia, 241.*
*Ta min ifakkar li f'dak Iż-żmien fil-Parroċċa, kull tielet ħadd tax-xahar kienet isir il-purċissjoni tat-terza bis-sagrament, fil-waqt li fl-ewwel ħadd tax-xahar il-fratellanza tar-Rużarju kienet torganizza purċissjoni b'qima lejn il-Madonna.*

(33) *APZ, Primo Quinterno Conf. S. Catarina, 140; Secondo Quinterno Agonia, 237, 241, 245.*

(34) *APZ, Primo Quinterno Conf. S. Catarina, Ilv; Secondo Quinterno Agonia, 241.*

jdaħħlu renti li bihom setgħu iżommu żiemel. Il-milizzja kienet topera bejn April u Novembru u kienet tobbliga l-irġiel kollha minn 16 sa 65 sena u li kienu jingħataw l-armi u kienu obbligati wkoll għat-taħriġ fil-Ħdud. Meta f'Malta waslu l-Kavallieri dawn saħħew il-milizzja organizzata li sabu, u mat-tmin rigmenti tal-kampanja, fosthom dak Ii kien jaqa' taħt il-parroċċa taż-Żurrieq kienu żiedu l-milizzja urbana tal-Birgu, Bormla u l-Isla. [35] Propju fiż-żminijiet fi fihom twaqqfet il-fratellanza ta' Santa Katarina, il-Granmastru Lascaris kien saħħaħ l-organizzazzjoni tal-milizzja, u fl-1647 kien waqqaf ukoll riġment ġdid tal-muskettieri [36] Kien minn dawn l-elementi diversi tal-milizzja illi ħarġet l-idea ta' xirka ġdida taħt il-patroċinju tal-Patruna tar-Raħal. Ta' min jgħid ukoll illi r-riġment tal-milizzja taż-Żurrieq, bil-kaptan ta' l-armi tiegħu baqa' jopera sa l-1716, żmien il-Granmastru Perellos, għax minn dik is-sena kienet saret ri-organizzazzjoni sħiħa tal-qawwiet militari, b'mod li ż-Żurrieq, flimkien mal-Gudja, Qrendi, Mqabba, Kirkop u Safi sabu ruħhom taħt ir-riġment ġdid ta' Ħal-Luqa. [37] Il-milizzja taż-Żurrieq hija wkoll imfakkra sa llum f'għadd ta' ismijiet ta' nħawi li jdawwru r-raħal. Fost dawn insemmu l-inħawi ta' Id-Dejma 'l fuq minn Nigret, <u>Tal-Bandieri</u> (bandiera = riġment) bejn Ħal-Millieri u l-Qrendi; u ismijiet oħra fosthom <u>in-Nadur</u>, <u>il-Wardija</u> (Guardia), <u>Qabar il-Għarib</u>, <u>it-Tirxija</u> u <u>Sciutu</u> li huma intimament marbutin ma' l-għassa u d-difiża ta' l-inħawi tagħna. [38] Fi żmien l-Assedju l-Kbir ir-riġment taż-Żurrieq, li kien allura jinkorpora fih l-irġiel ta' l-irħula żgħar ta' l-idwar, [39] kien jgħodd 570 raġel, u kien immexxi mill-Kavallier Tomaso Coronel . Fost il-kaptani ta' l-armi li niltaqgħu magħhom bħala mexxejja tar-reġiment taż-Żurrieq nsibu lil Fra Pietro du Rourre mill-Lingwa ta' Provenza, li kien instab assassinat fl-1560 [40]; Fra Fausto Bulgarino minn Siena (1592) li kien ħallas għal kwadru l-antik ta' Santu Rokku fil-Knisja Parrokkjali l-antika taż-Żurrieq, [41] Fra Alphonso Teglio (1598) [42] u Fra Gabriele de Melos mill-Prijurat tal-Portugal. [43]

(35) *Mifsud, A. La milizia e le torri antiche in Malta. Malta, 1920, 1-13, 35-44. - Vella. A.P. op.cit, I, 139-140; II, 301-304.*
(36) *Mifsud, A. op.cit., 38*
(37) *Wismayer, J. M. The history of the King's Own Malta Regiment and the armed forces of the Order of St. John. Malta 1989, 7-18.*
*Spiteri, C. Fortress of the Cross. Malta 1994, 616-619*
(38) *Abela, G. F., op.cit., 60*
*Wettinger, G. "The militia roster of watch duties of 1417' Armed Forces of Malta Journal, 32 (1979) 25-34, 35-42.*
*Idem. Place names of the Maltese Islands 1300-1800.*
*Malta, 2000, passim.*
(39) *Zabarella, C. Saminiatelli, Lo assedio di Malta. Torino, 1902, 161, 165.*
(40) *Catalogue Records Order St. John II pt.3 Arch. 88-90. Malta 1978,472 under 25.ix.1560*
*Mifsud, A., op.cit., 36n.2*
*Gatt G., "Ir-rewwixta tal-milizzja fiż-Żurrieq' Il-Malti, XIII (1937) no.1, 45*
(41) *Il-kwadru tal-pittur G. B. Riccio huwa deskritt f'Bonello, V. & Cauchi, J.A. Pauline Centenary Exhibiton: sacred art in Malta (1960). Malta, 1960, 46-47 fejn id-data hija żbaljata. Id-data 1593 u l-iskrizzjoni fuq il-kwadru huma mogħtija f'AAM Vis. Alpheran 1736-40, 865*
*APZ, S. Rocco: Primo Libro 1644-1709, 1, juri li dan il-kwadru, llum f'Bubaqra, kien inħadem għal parroċċa taż-Żurrieq.*
(42) *AAM Vis. Gargallo 1588-1602: 1598, 43r - 46r passim fejn il-kaptan u kavallieri oħra kienu qed jagħmluha ta' parrini fil-griżma ta' tfal Żrieraq.*
(43) *Gatt, G. op.cit, 19*

## *Rewwixta fiż-Żurrieq*

Mal-kavallier Gabriele de Melos u r-riġment taż-Żurrieq hemm marbuta ġrajja ta' nkwiet li kien inqala' fir-raħal fl-1641. Fil-15 ta' Mejju 1641, ftit qabel is-sebħ ingħata s-sinjal tan-nafra, u l-iskwadri li kienu jiffurmaw il-kumpanija taż-Żurrieq bdew jinġemgħu fix-Xagħra tan-Nigret u bdiet tittieħed ukoll ir-rassenja. Bosta ħin wara pero' waslet l-aħbar illi n-nafra kienet saret bi żball. F'dak il-ħin, il-kaptan De Melos, li kien ġa rrabbjat minħabba d-dewmien għalxejn, kellu xi jgħid bl-ikrah mat-Torkupilier Toni Zammit ta' l-Imqabba fuq spustjar ta' wieħed suldat minn Ħal-Lew. Fil-ġlied li nqala' De Melos hedded lil Żammit bil-pistola wara li dan saq iż-żiemel fuq il-kaptan, u mbagħad fera' lis-suldat ta' Ħal-Lew meta dan ma qagħadx għal l-ordnijiet li ngħatawlu. Iż-Zrieraq allura għamlu għall-kaptan De Melos, u kieku mhux għax indaħlu għalih l-alfier, xi surġenti, u kuntistabbli, kienu żgur joqtluħ. Il-kaptan De Melos kellu jidħol jistkenn fil-kappella tal-Lunzjata ta' Xagħra (illum il-Kunċizzjoni) li kienet allura dgawdi minn l-immunita' qaddisa. Għalkemm is-suldati riedu jitħallsu mill-kaptan, dawn qatgħuha li morru jkellmu l-Granmastru, u mat-300 ruħ irħewlha lejn il-Belt bil-bandiera tar-riġment magħhom. Il-Granmastru bagħat lill-kavalier Fra Giovanni de Silva biex jikkalma s-sitwazzjoni. Iżda l-poplu nsista li jkellem lis-Sultan u ma kkalmawx qabel ma rċevew il-kelma illi l-kaptan De Melos ġie mibdul u li minfloku kien ġie nominat il-kavallier De Silva. Minħabba li dak l-irvell kien jikkostitwixxi ksur tal-liġijiet ta' l-Ordni, tlieta mid-disa' rġiel li tressqu l-qorti kienu ġew kundannati għal għaxar snin fuq ix-xwieni, jaqdfu b'katina ma' saqajhom. [44]

## *L-Ittri Appostoliċi ta' Papa Innoċenz X*

Fiż-Żurrieq ix-xewqa tal-kongregati li jitwaqqfu uffiċċjalment minn Ruma fi fratellanza taħt il-patroċinju ta' Santa Katarina ma mietetx iżda ssaħħet, u jidher li dawn tassew waslu biex jagħmlu talba lill-Papa għal dan il-għan. [45] L-ittri apostoliċi li bihom twaqqfet il-fratellanza ta' Santa Katarina fil-parroċċa taż-Żurrieq ingħataw tmin snin wara l-1644 fuq forma ta' brevi papali minn Papa Innocenz X (Pamphilj). Il-brevi harġet minn Santa Maria Maggiore sub annulo piscatoris, voldiri taħt is-siġill tal-Papa, fit-tmin sena tal-pontifikat tiegħu, nhar is-7 t'April 1652. [46]

L-ittri appostoliċi ta' Papa Innocenz X jġibu l-isem ta' Pastoris Eterni, mill-ewwel żewġ kelmiet li jiftħu dan id-dokument. L-ittri appostoliċi jiftħu billi jgħidu li l-poplu taż-Żurrieq, imqanqal minn qima speċjail lejn Santa Katarina (peculiari erga Sanctam Catharinam devotionis affectu ducti), u

---

(44) *Ibid., 17-22, 41-45*
(45) *APZ, Primo Quinterno Conf. S.Catarina, IIv, Vr.*
(46) *Ibid., IIIr-IVv.*

biex iqanqlu l-istess devozzjoni f'ħaddieħor, kienu qed jitolbu li titwaqqaf konfraternita' taħt it-titolu ta' Santa Katarina u li tkun miftuħa għall-membri kollha taż-żewġ sessi. Il-brevi żżid tgħid li din ix-xewqa kienet qed tiġi milqugħa mill-Papa (Nos .. in predicta ecclesia .. Confraternitatem sub invocatione predicta .. Apostolica auctoritate .. perpetuo erigimus et instituimus), basta pero jkun hemm il-kunsens ta' l-isqof ta' Malta għat-twaqqif tagħha. Il-Brevi tat ukoll id-dritt lill-fratellanza li tieħu sehem fil-purċissjonijiet, torganizza t-talb , u tesegwixxi l-operat tagħha, iżda fuq kollox ħeġġet lill-fratelli biex jifformulaw statuti kanoniċi skond il-liġijiet tal-knisja biex bihom jirregolaw l-operat kollu tal-fratellanza, u jippreżentawhom lill-isqof ta' Malta għall-approvazzjoni tiegħu. Il-brevi stipulat ukoll illi il-beni mobbli u immobbli li jingħataw lill-fratellanza mill-imsieħba tagħha kellhom ikunu amministrati bl-ikbar reqqa għall-ġid tal-fratellanza mill-prokuraturi tagħha, u ta' dan kellhom iroddu kont lill-isqof ta' Malta [47] Il-Papa mbagħad għadda biex ikkonċeda numru ta' indulġenzi lill-imseħbin ta' kull żmien f'dik il-fratellanza l-ġdida. Malli wieħed jinkiteb fi ħdan din il-fratellanza, u jkun qerr u tqarben, allura kellu jibbenefika minn indulġenza plenarja; fil-waqt li l-miktubin kollha, anke dawk futuri, ġew mogħtija indulġenza oħra plenarja fil-pont tal-mewt basta jkunu niedma, u resqu lejn il-qrar u t-tqarbin; u jekk dan ma jkunx possibli jkunu lissnu b'fommhom jew b'qalbhom devota l-isem ta' Ġesu'. Barra minnhekk, kull sena nhar il-festa ta' Santa Katarina patruna tal-fratellanza, mill-primi vespri ta' lejlietha sa nżul ix-xemx ta' nharha, l-imseħbin setgħu jibbenefikaw minn indulġenza plenarja oħra kemm il-darba wara li jkunu resqu għall-qrar u t-tqarbin huma jmorru jinviżtaw il-knisja ta' Santa Katarina bid-devozzjoni, u hemmhekk jitolbu għall-għaqda fost is-setgħat insara, il-qerda ta' l-ereżija u t-trijonf tal-Knisja Mqaddsa. Indulġenza oħra ta' 7 snin u 40 jum kienet mogħtija wkoll lill-imseħbin kemm il-darba, wara li jkunu qerrew u tqarbnu, dawn imorru jitolbu fl-istess knisja nhar il-festi tal-Milied, Pentecoste, Santa Marija, u l-Qaddisin Kollha. Il-brevi ħeġġet ukoll lill-imsieħba għall-opri tajba u karitattevoli hekk li ngħatat indulġenza oħra ta' 60 ġurnata lil dawk kollha li jkunu jwettqu xi opra tajba. Fost l-opri tajba li ssemmi l-Brevi, hemm l-attendenza għall-quddies u għar-reċita ta' l-Uffiċċju Divin fil-knisja; l-attendenza għall-funzjonijiet li torganizza l-fratellanza; il-kura u l-kenn li wieħed joffri lill-fqar; il-premura li biha wieħed jagħraf iġib il-paċi bejn l-għedewwa'; l-akkompanjament ta' l-imsieħba tal-fratellanza sad-difna; u l-akkompanjament mas-Sagrament waqt il-purċissjonijiet ewkaristiċi u waqt il-vjatki lill-moribondi; it-talb għas-suffraġġju tal-kongregati mejtin; u kull sforz li wieħed seta' jagħmel biex jiġbed lura l-proxxmu lejn it-triq it-tajba. [48]

---

*(47) Ibid., IIIr-IVv.*
*(48) Ibid., IIIr-IVv.*

Il-brevi jidher li waslet iż-Żurrieq fil-bidu ta' Lulju 1652. [49] Il-prokuraturi eletti mill-poplu biex jirrappreżentaw il-fratellanza dak iż-żmien kienu Gianni Farrugia u Gianni Mangion u dawn, skond dak li titlob l-istess brevi ressqu talba jew supplika lill-isqof ta' dak iż-żmien Mons. Mikiel Giovanni Balaguer de Camarasa biex dan japprova l-eżekuzzjoni ta' l-ittri appostoliċi.

It-talba tagħhom daħlet fil-Kurja ta' Malta nhar il-5 ta' Lulju 1652 u l-isqof xtaq jisma' l-ewwel il-parir tal-kappillan taż-Żurrieq Dun Matthiolo Saliba. Dan deher personalment quddiem l-isqof Balaguer, u fuq il-parir favorevoli tiegħu, l-istess Isqof Balaguer approva l-eżekuzzjoni ta' l-ittri appostoliċi li bihom l-konfraternita' l-ġdida setgħet tibda taħdem fil-parroċċa taż-Żurrieq. [50] L-istess ittri appostoliċi ġew imbagħad reġistrati fil-kanċellerija tal-Kurja ta' Malta minn nutar Giacinto Cauchi. [51] L-eżekuzzjoni tal-ittri apostoliċi mill-Isqof Balaguer saret nhar it-12 ta' Lulju 1652, u din id-data hija għalhekk dik li fiha il-fratellanza l-ġdida bdiet topera uffiċċjalment fil-parroċċa.

## *Il-Papa li waqqaf il-Fratellanza*

Papa Innocenz X (1644-1655) - GianBattista Pamphilj - kien ġej minn waħda mill-awqa familji nobbli Rumani. Twieled fl-1574; kien lawrjat fil-liġi ċivili w kanonika, u minn avukat konċistorjali laħaq uditore di Rota, imbagħad nunzju f'Napli u Spanja. Kien ġie nominat kardinal fl-1627, u f'din il-kariga kien ukoll prefett tal-Kongregazzjoni tal-Konċilju, li kienet tittratta problemi u tinterpreta d-dispożizzjonijiet konnessi mad-digrieti tal-Konċilju Tridentin. L-għażla tiegħu bħala Papa, fil-konklavi ta' l-1644, wara l-mewt tal-Papa Urbanu VIII (Barberini 1623-1644), tista' titqies bħala reazzjoni kontra l-familja Barberini u t-tendenzi tagħhom favur Franza fl-aħħar żminiejiet tal-pontifikat ta' Papa Urbanu VIII. Il-pontifikat ta' Papa Innoċenz X kien karatterizzat minn problemi kbar fl-Ewropa ta' dak iż-żmien, id-diżintegrazzjoni tad-dinja Kattolika, u l-poter assolut li bdew jassumu r-rejiet Ewropej. Għalkemm kellu l-vantaġġ li kellu Segretarju ta' l-Istat mill-aqwa fil-persuna ta' Fabio Chigi, ex-ikwiżitur f'Malta u futur Papa Alessandru VII, Papa Innoċenz X kien influwenzat ħafna b'mod negattiv mill-indħil tal-qariba tiegħu Olimpia Maidalchini. Kien bniedem twil f'persuntu, rqajjaq, fartas, b'wiċċ serju, u b'ħarsa penetranti kif jixhdu ben tajjeb ix-xbieha meraviljuża tiegħu mpittra minn Velasquez, u l-busti maħdumin min Algardi u Bernini. Kellu karattru pjuttost riservat, suspettuż u jdum biex jiddeċiedi; kien miġbud lejn niesu, iżda kien bażikament bniedem tajjeb, qaddis u jħobb il-paċi u l-ġustizzja.

---

*(49) Ibid., IVv, Vr-v.*
*(50) Ibid, Vr-v*
*(51) Ibid., IV v*

Il-politika mħabbla fl-Ewropa ta' dak iż-żmien ġelgħet lill-Papa Innoċenz X biex jipprova jżomm bilanċ bejn Franza w Spanja, għalkemm kien imxaqleb lejn din ta' l-aħħar, u fit-trattat ta' Westphalia kellu jaċċetta kondizzjonijiet li mhuz dejjem kienu jiffavorixxu l-interessi tal-Knisja. Fi ħdan il-Knisja Papa Innocenz ħadem ħafna għal riformi fl-ordnijiet reliġjużi, kompla jikkombatti l-Ġanseniżmu u rsista ħafna favur il-missjonijiet u l-kongregazzjoni tal-Propoganda Fidei. Fil-gwerra ta' Kandja hu offra l-għajnuna tiegħu lir-Repubblika Venezjana, mexxa l-festi tal-Ġublew tas-sena 1650; u għen kemm felaħ l-istudji storiċi. Fl-amministrazzjoni, għalkemm b'inqas impenn hu kompla l-opri l-kbar li nbdew f'Ruma mill-predeċessuri ta' qablu, bil-ħila ta' ġenji artistiċi bħal Alessandro Algardi, [52] Gian Lorenzo Bernini, Francesco Borromini, u Girolamo u Carlo Rinaldi.

## *Operat tal-Fratellanza*

Il-fratellanza ta' Santa Katarina kienet imwaqqfa u marbuta ma' l-altar titulari ta'Santa Katarina fil-kappellun tal-kor ta-knisja. [53] Kienet titmexxa minn żewġ prokuraturi u rettur, [54] u l-prokuraturi kienu jintgħażlu a voce secreta, [55] voldiri bil-voti permezz tal-boxxlu. Matul it-tieni nofs tas-seklu sbatax id-diversi prokuraturi tal-fratellanza kienu: Giovanni Farrugia u Giovanni Mangion' li jissemmew bejn l-1644 u l-1661 [56]; Dun Gian Mari' Spiteri u Vincenzo Zammit li daħlu fil-kariga f'Awwissu 1661 u baqgħu sa l-1670 [57]; Dun Piet Saliba viċi-parroku u mill-ġdid Vincenzo Zammit fil-perijodu 1670-1677 [58]; Dun Simeone Darmanin u Pietro Azzopardi bejn l-1677 u l-1683 [59]; u mill-ġdid Dun Simeone Darmanin u Gian Mari' Zammit mill-1683 sa l-1692 [60]. Jidher għalhekk, illi fil-każ ta' din il-fratellanza, il-prokuraturi kienu jinbidlu bejn wieħed w'ieħor kull għaxar snin jew xi ftit inqas. Mal-bidla tal-prokuraturi kien jingħata rendikont dettaljat ta' l-assi finanzjarji tal-fratellanza, peress illi din kellha kapital favorevoli, u dan ir-rendikont kien isir fil-preżenza tal-kappillan u tal-viċi-parroku. [63]

Il-fratellanza jidher li kellha dħul regolari mill-kontribuzzjonijiet tal-fratelli u konsorelli, u jidher ukoll illli l-miżata tal-imsieħba kienet tinġabar mill-prokuratur kull l-ewwel ħadd tax-xahar. [62] Biex nieħdu eżempju tal-

(52) *Enciclopedia Cattolica. Citta'del Vaticano 1951. VII, 20-22, s.v. Innocenzo X - Oxford dictionary of the Christian Church - 3 ed. - F.L. Cross, E.A. Livingstone. Oxford, 1998, 835.*
(53) *".. fundata nell'altare della gloriosa V. e M. S. Catharina notra patrona" APZ, Secondo Quinterno Agonia, vi; AAM, Vis. Molina 1678-80, 179v.*
*Iżda APZ, Primo Quinterno Confr. S. Catarina, Vr jorbotha b'mod żbaljat ma' l-altar maġġur.*
(54) *APZ, Primo Quinterno Confr. S. Catarina, 140*
(55) *Ibid., 140*
(56) *Ibid., Vr - APZ, Secondo Quinterno Agonia, 105,245*
(57) *APZ, Primo Quinterno Confr. S. Catarina, 140 - APZ, secondo Quinterno Agonia, 107-245*
(58) *Ibid.,109*
(59) *Ibid., 111, 245*
(60) *Ibid., 112, 245*
(61) *APZ, Primo Quinterno Confr. S. Catarina, 140, 151*
(62) *Ibid., 152*

bilanċ fianzjarju li kellha l-fratellanza ta' Santa Katarina ser nagħtu r-rendikont għall-perjodu Awwissu 1667 sa Marzu 1677, voldiri medda ta' 10 snin. Matul dak il-perijodu il-fratellanza kellha dħul ta' 675 skud, 1 irbiegħi u 16 il-ħabba, u ħruġ ta' 617 skud, 9 rbgħajja u 12 il-ħabba. [63] Nafu wkoll ili l-flus tal-fratellanza kienu jinżammu maqfula fis-senduq li kien imqiegħed f'post sigur fil-kamra ta' fuq il-loġġa, voldiri fil-kamra ta' fuq , fejn illum jinħażen il-planċier tal-festa. [64] Għal aktar sigurta u serjeta' din il-kaxxa jew senduq kienet tinqafel bi tlett serraturi li l-imfietaħ tagħhom kienu jinżammu separatament mill-kappillan u minn kull wieħed mill-prokuraturi. [65] B'hekk, biex jinfetaħ is-senduq tal-fratellanza kienet meħtieġa il-preżenza ta' dawn it-tlett uffiċċjali li semmejna.

Id-dħul tal-fratellanza ma kienx pero' marbut biss ma' dak li kienu jħallsu l-imsieħba, iżda wkoll mal-qbiela ta' għalqa fl-inħawi Tal-Qortin, msejħa tal-Miħit. [66] Din l-għalqa kienet għaddiet f'idejn il-fratellanza f'biċċtejn. Zewġ terzi tagħha, li kienu valutati fuq 140 skud kienu għaddew bi ftehim bonarju f'idejn il-prokuraturi Dun Gian Mari' Spiteri u Vincenzo Zammit b'atti tan-nutar Domenico Camilleri nhar il-21 ta' Diċembru 1666, filwaqt li t-terz l-ieħor kien inxtara mill-prokuraturi Dun Piet Saliba u Vincenzo Zammit b'atti tan-nutar Gio Domenico Gatt nhar it-8 t'Ottubru 1671, bil-prezz ta' 65 skud. [67] Tant hu hekk li fil-bidu l-għalqa nsibuha mqabbla bl-4 skudi u 10 irbgħajja fis-sena, iżda mbagħad,meta allura bdiet titqabbel kollha, il-qbiela tagħha telgħet għall-6 skudi fis-sena. [68]

## *L-Għalqa tal-Miħit u l-ewwel tapizzerija tal-Knisja*

Interessanti hawnhekk li wieħed janalizza x'kienu ċ-ċirkostanzi li wasslu lill-fratellanza biex takkwista din l-għaqla, u tkompli tixtri l-kumplament tagħha. L-għaqla tal-Miħit kienet darba propjeta ta' wieħed mill-prokuraturi tal-fratellanza, Giovanni Farrugia. Meta fl-1661, il-prokura jew l-amministrazzjoni tal-fratellanza għaddew f'idejn il-prokuraturi l-ġodda Dun Gian Mari' Spiteri u Vincenzo Zammit, il-prokuratur ta' qabilhom Farrugia stqarr quddiem il-Kappillan Saliba ili hu kien fadallu jgħaddi lill-Fratellanza is-somma ta' 303 skudi. Parti minn din is-somma, voldiri 163 skud, Camilleri ħarġihom biex iħallas parti minn ammont ta' tapizzerija li kienet ġiet ordnata mill-fratellanza bħala tiżjin u ornament għat-tempju Katarinjan. Il-bilanċ ta' 140 skud li hu kien għad jonqsu

---

*(63) Ibid., 151*

*(64) ".. il danaro si trova serrato nella cascia di detta Congregatione, la quale cascia si trova nella camera che e' sopra la loggia della Parrochiale" , ibid., 151.*

*(65) ".. serrata con tre chiavi l'una in poter del Parocho l'altre due in poter delli procuratori uno per uno", ibid., 151.*

*(66) Ibid., 140, 268*

*(67) Ibid., 268*

*(68) Ibid., 268*

jagħti lill-fratellanza ġew mifdija billi huwa ġie kostrett jgħaddi lill-istess fratellanza żewġ terzi mill-għalqa tal-Miħit [69] li kienu valutati fuq 140 skud. Fil-fatt iż-żewġ terzi ta' l-għalqa tal-Miħit nafu li għaddew f'idejn il-fratellanza nhar il-21 ta' Diċembru 1666 [70] fil-waqt li l-pagament akkont tat-tapizzerija (damask), lill-ċertu Maestro Rocco di Modica, kien ġie ċertifikat quddiem il-Vigarju Don Domenico Cagnano u l-Assesur tal-Kurja Gian Battista Zarb f'pagament finali nhar it-3 ta' Novembru 1667. [71]

Dak in-nhar il-ħlas kollu li jidher li tħallas Maestro Rocco di Modica, li naħseb kien il-manifattur tad-damask - kien jammonta għal 226 skud u dan jidher li kien il-prezz fuq sittax-il qatgħa damask - sediċi versi di tapezzeria - li kienu ftehmu fuqhom oriġinarjament. Fil-fatt minħabba li Giovanni Farrugia rnexxielu joħroġ biss 163 skud il-Kappillan Saliba, f'isem il-fratellanza ħareġ lill-Rocco di Modica il-bilanċ ta' 63 skud, li mbagħad ġew rikompensati lilu mill-prokuraturi fil-5 ta' Jannar tas-sena ta' wara 1667 [72] ; filwaqt li Farrugia kompla feda l-bqija tad-dejn permezz ta' l-għalqa msemmija.

Din il-ġrajja, bid-dettalji kollha tagħha u b'mod iktar car hija ċertifikata f'memorjal li tħalla apposta mill-istess Kappillan Saliba fl-1667 [73]. Dan il-memorjal huwa mportanti ħafna għax jagħtina eżempju ċar tal-premura li kellu l-Kappillan Saliba lejn il-fratellanza tant għażiża għalih, u jurina wkoll biċ-ċar kemm kien qed jirsisti biex iżejjen it-tempju tant sabieħ li huwa, flimkien ma ħutu ż-Żrieraq kien bena ad unur il-Patruna tagħna Santa Katarina.

***Il-Kappillan Saliba ħalla miktub hekk:***

"Is-7 t'Awwissu 1661. Il-fratelli tagħna ressquli talba biex nibdlu l-prokuratur tal-fratellanza ta' Santa Katarina ta' l-Antorċi, li kien Giovanni Farrugia taż-Żurrieq, suċċessur tal-mejjet Franġisk Spiteri li kien l-ewwel prokuratur; u f'dan il-jum imsemmi, wara l-għasar, iltaqgħu fil-knisja u b'mod sigriet ġew magħżula bħala prokuraturi ta' l-imsemmija fratellanza s-saċerdot Dun Gian Mari' Spiteri u Vincenzo Żammit, it-tnejn minn din il-parroċċa; u bħala rettur intgħażel Antonio Mangion miż-Żurrieq. U meta jiena u l-prokuraturi għoddejna d-dħul u l-infiq li kienu ġeww amministrati mill-imsemmi Farrugia, sibna illi dan kien għad fadallu jgħaddi lill-fratellanza 303 skud. Iżda peress illi l-imsemmi Farrugia ma kienx f'pożizzjoni li joħroġ dik is-somma kollha f'daqqa, jiena flimkien ma' xi fratellii ddeċidejna illi nippermettulu li biż-żmien jagħmel xi opra b'risq

*(69) Ibid., 140*
*(70) Ibid., 140, 268*
*(71) Ibid. 140*
*(72) Ibid., 140*
*(73) Kopja tiegħu tinsab f'APZ, Secondo Quinterno Agonia, 237-238*

Santa Katarina, u li din tkun a soddisfazzjon tagħna. Sadattant xi wħud kienu tal-fehma li jinxtraw xi parimenti sagri, jew tapiti, oħrajn li jsir tużell (baldacchino) u kulħadd ħareġ bil-fehma u l-opinjoni tiegħu. Iżda mbagħad inqala' raġel devot, ċertu Domenico Camilleri minn Bubaqra u dan offra illi jekk aħna kellna nordnaw sittax il-qatgħa (versi) ta' tapizzerija (damask) ad unur Santa Katarina, hu kien lest li joħroġ il-flus għal tmin qatgħat oħra, b'mod li l-knisja jkollha b'hekk erbgħa-u-għoxrin qatgħa. Jien għalhekk, biex naċċetta l-offerta li kien għamilli Camilleri, u minħabba l-ħtieġa li kellna għal dik it-tapezzerija, li kull sena kien qed ikollna nikruha bil-ħlas, iddeċidejt li nitlob lill-imsemmi (ex-prokuratur Giovanni) Farrugia biex dan jidħol għall-ispiża tad-damask, ħaġa li huwa aċċetta min qalbu; u fuq il-kelma tiegħu jiena tajt l-ordni lil Signor Rocco di Modica biex dan jaħdem it-tapizzerija. Iżda meta din inħadmet, l-imsemmi Farrugia ma felaħx joħroġ ħlief 163 skud mill-226 skud li din ġiet tiswa', u għalhekk biex jiena nżomm l-kelma li kont tajt (lil Maestro Rocco di Modica) kelli noħroġ id-differenza (ta'63 skud) minn buti; b'mod li Farrugia allura kien għad fadallu jagħti 140 skud (lill-fratellanza biex jiskonta it-303 skud dejn li kellu magħha). U peress li b'ebda mod ma stajna nakkwistaw aktar flus mingħand l-imsemmi Farrugia, minħaba l-falliment tiegħu, rnexxielna niftehmu miegħu biex jinnomina stimatur f'ismu, li kien Domenico Camilleri ta' Bubaqra, u flimkien ma' stimatur ieħor innominat minna, li kien Mario Zammit taż-Żurrieq, kellhom jistmaw flimkien biċċa art li kellu Farrugia li tilħaq il-valur ta' dik is-somma ta' 140 skud. U b'dan il-mod saret l-istima, u ġie kalkolat li dik is-somma kienet tkopri l-prezz ta' għalqa li Farrugia kellu fl-inħawi tal-Qortin, imsejjħa Tal-Miħit, u li Farrugia u martu għaddew lill-imsemmija fratellanza, kif jixhdu l-atti tan-nutar Domenico Camilleri. Jien għalhekk illum, 5 ta' Jannar 1667, nistqarr illi rċevejt mingħand il-prokuraturi ta' l-imsemmija fratellanza Dun Gian Mari' Spiteri u Vincenzo Zammit is-63 skud, li jien kont ħriġt minn buti biex inħallas il-bilanċ tat-tapizzerija f'isem Farrugia; u li mbagħad ittieħdu in konsiderazzjoni fil-prezz ta' l-għalqa li ttieħdet mil-fratellanza. U b'għelm tal-verità jien hawn taħt iffirmat qed nagħmel din il-kitba. Jiena Mathiolo Saliba Kappillan taż-Żurrieq, nikkonferma dak kollu li qed jingħad hawn fuq."

Il-memorjal tal-kappillan Saliba jsemmi fost ħafna affarijiet oħra l-impenn tal-benefattur Domenico Camilleri minn Bubaqra (mlaqqam Schelli) biex dan iħallas minn butu għal-tmin qatgħat damask. Domenico Camilleri (li m'għandnix inħalltuħ man-nutar Domenico Camileri li kien jgħix fl-istess epoka) flimkien ma' martu Gioannella kienu l-fundaturi ta' l-altar u l-ġuspatronat tal-Madonna ta' Monserrat mwaqqaf fl-1652 fil-knisja l-ġdida taż-Żurrieq. [74] Mid-dokument tal-Kappillan Saliba li għadna kif

(74) *AAM, Vis. Balaguer, 1653-54, 225v; Molina 1678-80, 184r. Il-fundazzjoni ta' l-altar ta' Monserrat tinsab f'NAV Not. G. Feliċi R 260/23, 442sqq, illum mitluf. Il-laqam ta' Camilleri jinsab f'APZ, Conf. II (1607-1667) 33v.*

ġiċċitajna, Camilleri jidher bħala stimatur ta' l-artijiet; iżda lilu nafuh fuq kollox bħala benefattur tal-knisja ta' raħal twelidu ż-Żurrieq. Kien Domenico li fl-1676 ħallas il-bilanċ tas-somma li kien talab il-pittur Mattia Preti għall-kwadru l-ġdid ta' Santu Rokku; u kien ikontribwixxa wkoll għall-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju (illum meqrud) maħdum ukoll min Preti fl-1681. [75] Barra minn hekk, fit-testment tiegħu (1692) Camilleri kien ħalla żewġt għewwieq b'risq l-istatwa proċessjonali ta' Santa Katarina li dak iż-żmien kellha allura tinħadem għall-parroċċa. [76]

## *Lista tal-Kongregati*

B'xorti tajba għadha teżisti wkoll il-lista tal-kongregati mejtin fi ħdan il-fratellanza ta' Santa Katarina. Il-list fiha 242 isem, li jibdew b'Leonardo Zammit, li kien miet nhar l-1 ta' Frar 1652, u jibqgħu sejrin sa Domenica Zammit li ħalliet din il-ħajja nhar it-2 ta' Mejju 1686. [78] Fil-lista tal-kongregati mejtin jissemmew il-qassisin Żrieraq Dun Gian Mari' Azzopardi li miet assassinat nhar it-3 t'Awwissu 1657, [79] Dun Domenico Dorbes (20.i.1658), Dun Gian Mari' Spiteri (19.v.1669), Dun Matteo Azzopardi (1.xii.1675), Kappillan Dun Matthiolo Saliba (5.ii.1676) u Dun Ġrezzju Żammit (26.xii.1675). Magħhom hemm ukoll l-imgħallmin tar-raħal Mastru Marju Xicluna (4.i.1661), Mastru Censerico Zammit (9.i.1661),Mastru Gian Mari' Mizzi (3.i.1676), Mastru Mikiel Mizzi (2.vii.1671), Mastru Gian Mari' Mizzi (10.ix.1671), u Mastru Angelo Dorbes (4.v.1675). [80] Nhar l-4 t'Ottubru 1681 insibu wkoll reġistrata l-mewt ta' ħu l-Kappillan Saliba, il-Kjeriku Blasio.

Il-lista tal-kongregati mejtin fi ħdan il-fratellanza ta Santa katarina tieqaf f'Mejju ta' l-1686 minħabba raġuni storika li bidlet għal-kollox il-bixra tal-fratellanza wara mixja ta' kważi 42 sena t'attivita'. Ir-raġuni kienet li fl-ewwel viżta pastorali tiegħu fiż-Żurrieq, nhar it-30 t'April 1686, l-isqof ta' Malta Mons. Davide Cocco Palmeri xtaq illi fiż-Żurrieq titwaqqaf is-Sodalita' ta' l-Agunija, kif kien qed isir fil-parroċċi ta' Malta; u fiż-Żurrieq bħala soluzzjoni awtomatika bidlu l-fratellanza ta' Santa Katarina f'Sodalita' ta' l-Agunija. Min hemm infetħet triq ġdida li kellha twassal għal formulazzjoni ta' statuti ġodda, devozzjoni kbira lejn is-Santu Kruċ u anke t-twaqqif ta' l-altar tal-Kurċifiss fi żmien l-isqof Mons. Alpheran. Dwar dan iżda, nitkellmu k'Alla jrid darba oħra.

---

(75) *APZ S. Rocco: Primo Libro 1644-1709, 1*
*APZ Conf. Rosario: introito ed esito 1641-1709, 82*
*A. Mangion & J. Spike op.cit, V (2) 67-70.*

(76) *APZ, Mort. III (1686-1759), 30v.*

(77) *APZ, Secondo Quinterno Agonia, 105-113*

(78) *Ibid., 106*

(79) *Ibid., 105-113 passim. Xi wħud mid-dati tal-mewt kif kupjati f'dan ir-reġistru huma żbaljati jew inkella jagħtu d-data tal-funeral. Għal skopijiet ta' dan l-artiklu id-dati tal-mewt tal-qassisin ġew konfermati mar-reġistri oriġinali tal-parroċċa.*

(80) *Ibid., 112*